MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Numru. 130/2006

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert N. Ciappara)**

**vs**

**Kevin Spiteri**

**(ID 258678(M))**

**Illum, 26 ta' Gunju 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kevin Spiteri ta' 26 sena, imwieled il-Pieta` fit-18 ta' Mejju 1978, iben Albert u Helen nee` Falzon, residenti 3, Bazzaru Lane, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 258678(M);

Akkuzat talli fid-19 ta' April 2004 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar

il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) U aktar talli fl-istess zminijiet kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2010, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat dwar l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu, kif ukoll mill-provi li jirrizultaw fl-atti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali kienet tikkonsisti f'kundanna dwar reati kontravvenzjonali. Qieset ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u fl-istqarrija rilaxxjata minnu, ammetta mill-ewwel ghar-reati li taghhom qed jinstab hati.

Ikkunsidrat ukoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fid-19 ta' April 2004[1] wara li nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li ma jitkellimx sakemm ma jkunx jixtieq illi jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova, f'liema stqarrija huwa qal illi l-qartas misjub fil-jum ta' qabel gewwa d-dar tieghu u l-ammont ta' qratas li kienu jikkontjenu sustanza suspettata eroina li nstabu gewwa katusa mal-hajt ta' barra tad-dar tal-genituri tieghu, kienu tieghu, li huwa kien qed juza minnha (mis-sustanza) u li jbiegh minnha wkoll. Mistoqsi kemm kellu eroina, huwa wiegeb li kien xtara erba' grammi, li hemm tlieta ippakkjati u wahda maghluqa. Mistoqsi kemm kien ilu jbiegh l-eroina, huwa wiegeb '*dawn l-ahhar xahrejn*' u cioe` kemm kien ilu li beda juza minnha hu. Qal illi gieli xtara bil-prezz ta' Lm30 jew Lm35 u jbieghha skond il-pakketti li johrog minnha u li l-pakketti kollha li kellu kien tal-Lm5. Dwar it-tracci tar-raza tal-*cannabis* li nstabu mill-pulizija, huwa qal illi dik juzaha hu ghall-uzu personali tieghu u li qabel ma beda juza l-i*smack*, kien juza l-i*smoke* biss. Dwar il-flus li nstabu fil-pussess tieghu, huwa qal illi s-somma ta' Lm400 kienet tieghu u li dawn gabhom mill-bank ghaliex daqqa kien jigbed Lm100 u daqqa Lm50 u ghalhekk ghaqqad din is-somma u fir-rigward tal-flus l-ohra, kien hemm minnhom li jislef lin-nies. Flus tal-i*smack* kien hemm b'xi Lm50, ghaliex huwa ma kienx ilu li beda juza. Qal illi l-mutur kien ilu ghandu xi sena, li dak iz-zmien kien jahdem u li ghandu wkoll xi dejn mal-bank.

---

[1] A fol. 10 *et seq* tal-process.

Fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur qal illi mill-pussess tal-imputat kienet giet elevata somma flus li kienet ta’ ftit iktar minn Lm600[2]. L-istess Ufficjal Prosekutur sussegwentement esebixxa s-somma ta’ Lm638 fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2008.[3] Fix-xhieda taghhom, PC 10 Trevor Cassar Mallia[4] u PC 1213 Carlos Axisa[5] ikkonfermaw li kienu elevaw *inter alia* ammont ta’ flus minn taht is-sodda tal-imputat.

Mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[6], jirrizulta illi d-dokumenti li huwa nghata ghall-analizi, kienu jikkonsistu fis-segwenti ossia:

a) Pakkett li kien maghmul minn bicca *foil* u li kien marbut permezz ta’ lakstuwa. F’dan il-pakkett kien hemm tlieta u ghoxrin qartas tal-karti bi trab kannella fihom (kodici tal-laboratorju 04 BAH 201);

b) Pakkett tal-‘*Alcofoil’* li go fih kien hemm roll tal-*foil* li kien uzat (kodici tal-laboratorju 04 BAH 202);

c) Cavetta, frak ta’ sustanza kannella, kaxxa tal-metall ta’ lewn ahmar li kien fiha frak kannella, tliet liri Maltin f’muniti, biro, bicca plastic, kaxxa tas-sulfarini tal-marka ‘The Scissors’ li fiha kien hemm frak ta’ sustanza kannella, borza tal-plastik li fiha kien hemm sitt blokki ta’ sustanza kannella, bi tnejn minn dawn imgezwra go bicca plastic, bicca *foil* bi trab kannella fiha u qartas tal-karti bi frak kannella fih (kodici tal-laboratorju 04 BAH MM/010).

Illi l-imsemmi esperti kkonkluda illi:

a) Ma kienx hemm *mechanical fit* bejn il-bicca *foil* li kellha fiha tlieta u ghoxrin qartas fid-dokument 04 BAH 201, il-bicca *foil* li kien hemm fiha

[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur (illum Assistant Kummissarju) Norbert Ciappara, a fol. 7 *et seq* tal-process.
[3] Ara l-verbal a fol. 21 tal-process.
[4] A fol. 14 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 16 *et seq* tal-process.
[6] Esebita a fol. 29 tal-process.

trab kannella fid-dokument 04 BAH 202 u l-*foil* li kien hemm mar-*roll* fid-dokument 04 BAH MM/01;

b) Il-blokki u l-frak ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 04 BAH MM/01, f'ammont nett totali ta' 16.634 grammi, instabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC).* Il-medja tal-purita` tal-blokki u l-frak ta' sustanza kannella, li kienu raza tal-pjanta tal-*cannabis*, kienet ta' cirka 7.81%.

c) It-trab il-kannella li kien hemm fit-tlieta u ghoxrin qartas fid-dokument 04 BAH 201 u t-trab il-kannella li kien go bicca *foil* fid-dokument 04 BAH MM/01, f'ammont nett totali ta' 2.045 grammi, instabet fih is-sustanza Herojina. Il-medja tal-purita` tat-trab il-kannella ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 21.7%.

Qieset ukoll ix-xhieda tal-istess imputat f'dawn il-proceduri[7], li qal illi fis-sena 1998 huwa wegga' bil-mutur u beda jsofri minn ugiegh fl-ghadam u f'rasu u biex itaffi mill-ugiegh, beda juza l-eroina. Qal illi kien ihoss ugiegh kbir f'saqajh u li habib tieghu kien issuggerielu li jiehu l-eroina ghaliex tnehhilu l-ugiegh. Fil-fatt huwa beda juza l-eroina li huwa kien iqisha bhala medicina. Qal illi huwa gieli biegh pakkett eroina, mhux sabiex jghix minn fuq dan il-bejgh, izda sabiex ikun jista' jerga' jixtri l-eroina ghalih. B'referenza ghaz-zmien li fih kien qed jaghti x-xhieda tieghu, qal illi kien qed jiehu l-kura u li sab l-ghajnuna kemm mid-*Detox*, kif ukoll mill-Agenzija Sedqa. In kontro-ezami, mistoqsi jekk qatt tkellimx mal-professjonisti li kienu jsegwuh dwar l-ugiegh li kien ihoss, huwa qal li kien jaghmel dan, izda l-*pain killers* li kienu jaghtuh ma kinux jahdmu. Baqa' bil-*pin* f'saqajh u ghalhekk kien ikun mugugh u hu beda juza l-eroina biex inehhi l-ugiegh.

Qieset ukoll ic-certifikat mediku guramentat rilaxxjat minn Dr. Anthony Dimech fir-rigward tal-imputat u datat 23 ta' Marzu 2010[8] u l-vera kopja tac-certifikati medici rilaxxjati mill-istess Dr. Anthony Dimech fis-27 ta' Lulju 2011 u fid-29 ta' Settembru 2010 rispettivament.[9]

---

[7] A fol. 42 *et seq* tal-process. L-imputat xehed fid-29 ta' Marzu 2010.
[8] A fol. 40 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 160 *et seq* tal-process.

Qieset ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Maryanne Zammit, esebit minnha fis-16 ta' Jannar 2012[10], mil-liema jirrizulta *inter alia* illi fis-sena 2006, l-imputat beda jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga gewwa l-Komunita` Santa Marija, mil-liema programm huwa hareg fl-10 ta' April 2007, wara li wiehed minn hutu hallaslu l-*bail*. Huwa baqa' jaghti kampjuni tal-urina b'mod regolari gewwa d-*Detox Out Patients.* L-ahhar rizultat kien tal-31 ta' Dicembru 2011 li rrizulta fin-negattiv. L-istess *Probation Officer* tkellmet mal-konsulent psikjatriku tal-imputat ossia ma' Dr. Anthony Dimech li qalilha li b'kagun tal-incident serju li huwa kellu, l-imputat qed isofri minn *Post Traumatic Stress Disorder.* Fiz-zmien li gie redatt ir-rapport, huwa kien qed jinghata kura psikjatrika u kien waqaf ukoll mill-kura tal-*methadone.* Skond Dr. Dimech, l-imputat kien jabbuza mid-droga bhala *self medication* biex ikun jista' jikkowpja mal-konsegwenzi fizici u psikologici kagunati mill-istess incident.[11] L-istess Ufficjal tal-*Probation* tkellmet ukoll ma' Vicky Scicluna in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa[12] li qaltilha li hija kienet ilha ssegwi lill-imputat mid-19 ta' Awwissu 2004, izda madwar sitt xhur qabel waqqfet is-sessjonijiet tal-*counselling* ghaliex l-imputat kien sejjer tajjeb u ghamel progress kbir. Meta hareg mill-programm, huwa kellu hajja stabbli, segwa kors gewwa l-ETC u rega' beda jintegra ruhu fis-socjeta`. In vista tal-progress li ghamel l-imputat li, skond l-istess rapport, kien qed jaghmel kull sforz biex jibqa' fit-triq li qabad, l-Ufficjal tal-*Probation* irrakkomandat li l-imputat jinghata piena fil-minimu, fil-

---

[10] Esebit a fol. 52 tal-process.

[11] L-istess Dr. Anthony Dimech xehed ukoll f'dawn il-proceduri fit-3 ta' Dicembru 2013 (a fol. 135 *et seq* tal-process) u kkonferma illi l-imputat dejjem sostna illi huwa kien juza d-droga biex jikkontrolla l-ugiegh jew problemi relatati mal-incident li kellu, izda wara perjodu ta' kura, kien waqqaf l-uzu tad-droga illecita u stabilizza ruhu fuq il-medicini li nghata. Qal ukoll illi l-imputat irnexxielu jaghmel zmien twil minghajr il-*methadone* u minghajr ma juza d-droga u li kienu jsirulu testijiet gewwa d-Detox regolarment. Madankollu kien ghadu jiehu kura u medikazzjoni minhabba l-effetti tal-incident li ghadda minnu u li l-impatt tal-incident kien wiehed sinjifikanti.

[12] L-istess Vicky Scicluna xehdet ukoll f'dawn il-proceduri fit-3 ta' Dicembru 2013 (a fol. 141 *et seq* tal-process) li qalet illi hija kienet ilha taf lill-imputat fuq ghaxar snin u spjegat il-problemi li kellu l-istess imputat b'konsegwenzi tal-incident li kellu, inkluz illi huwa kien jiehu l-eroina bhala *self-medication*. Qalet illi dahal fil-programm fis-sena 2007 u ghalkemm ma temmx il-programm ghaliex hareg minnu wara xi sitt xhur, huwa ha l-massimu minnu u ghamel progress. Qalet illi baqghet issegwih u ghadha ssegwih sa llum, li ghamel zmien twil hieles mid-droga, ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet fejn rega' waqa', izda rega' qabad it-triq it-tajba u minn dak iz-zmien baqa' *clean*, apparti li rrikoncilja mal-familja tieghu u qed jghix hajja stabbli. Skond l-istess xhud tant kien ghamel progress, illi xi sena qabel hija stess issuggeriet lill-imputat li jaghlqu l-kaz tieghu, b'dan illi hija kienet ser tibqa' disponibbli kemm il-darba huwa jhoss il-htiega. Fil-fatt huwa xorta zamm il-kuntatt maghha u sa sena qabel, kien jaghti l-kampjuni tal-urina regolarment u dejjem kienu *clean*. Ikkonfermat ukoll illi l-imputat ma kienx ghadu jiehu l-*methadone* lanqas.

waqt li jkompli jibbenefika minn kura ta' psikjatra sabiex jitkompla l-process ta' stabilita` u jigu indirizzati l-problemi psikologici prezenti.[13]

Qieset ukoll ir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ukoll illi ghalkemm ir-reat fl-imputazzjoni (a) huwa wiehed serju, il-Qorti ma tistax tinjora l-progress li ghamel l-imputat matul is-snin u illi llum huwa gheleb il-vizzju tad-droga u qed jghix hajja stabbli. Veru illi l-imputat hawnhekk mhux qed jigi punit dwar il-vizzju li huwa kellu, izda dwar it-traffikar da parti tieghu tad-droga eroina, imma huwa minnu wkoll illi fil-waqt illi l-imputat ghandu certament ihallas ta' ghemilu, ma jkun tal-ebda beneficcju ghas-socjeta` li minnha jifforma parti, illi jigu rovinati l-isforzi kollha li ghamel l-istess imputat u li ghamlu mieghu l-professjonisti kollha nvoluti fit-triq tar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Qieset ukoll illi ghalkemm din il-kawza tirrisali ghal April 2004 u l-kawza bdiet tinstema' fis-sena 2007, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'April 2009 u minn dakinhar id-difiza talbet diversi differimenti sabiex tressaq il-provi taghha, li finalment inghalqu fl-14 ta' Mejju 2014. Minn dakinhar, il-kawza baqghet ghat-trattazzjoni finali. Sussegwentement fil-5 ta' Gunju 2015, il-Qorti ma setghetx tghaddi ghas-sentenza stante illi l-imputat ma setax jidher ghal ragunijiet medici. Hafna mid-dewmien f'dawn il-proceduri ghalhekk kien dovut ghad-difiza stess li talbet diversi differimenti fuq perjodu ta' hames snin sabiex tressaq il-provi taghha.

**Konkluzjoni**

[13] L-Ufficjal tal-*Probation*, Marianne Zammit, xehdet ukoll f'dawn il-proceduri fit-3 ta' Dicembru 2013 (a fol. 150 *et seq* tal-process) u qalet illi mill-informazzjoni li kellha wara li regghet tkellmet ma' Vicky Scicluna u anke gabret informazzjoni mid-*Detox*, l-imputat baqa' stabbli. Dakinhar stess tax-xhieda taghha, l-imputat taha kampjun tal-urina li rrizultat fin-negattiv ghall-kokaina, *cannabis* u eroina.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(c), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikolu 17 (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, b'dan illi kif inghad izjed il'fuq, l-imputazzjoni (b) qed tigi kkunsidrata bhala kompriza u nvoluta fl-imputazzjoni (a), u qeghda tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjoni (a), ghall-piena ta' **disa' (9) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro** (**€750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, qeghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tmintax-il (18) xahar mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan sabiex jigi assigurat illi l-hati jinghata l-ghajnuna kollha necessarja waqt u wara li jiskonta l-piena karcerarja moghtija b'din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-*Probation*, kif ukoll jekk jonqos milli jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet fl-istess Ordni.

Il-Qorti mhijiex qeghda tikkundanna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi l-espert forensiku, l-Ispizjar Mario Mifsud, kien gie nominat fl-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u r-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost

ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li tifforma parti mir-relazzjoni tal-espert, l-Ispizjar Mario Mifsud, esebita a fol. 32 tal-process, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna l-konfiska tas-somma ta’ hamsin Lira Maltin (Lm50) formanti parti mid-Dokument NC, favur il-Gvern ta’ Malta u r-rilaxx tar-rimanenti somma ta’ hames mija, tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm588), ukoll formanti parti mill-istess dokument, favur il-hati.

Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja, inkluz ghajnuna psikologika u psikjatrika skond il-htigijiet tieghu u r-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti involuti prezentement fil-kura tieghu.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* u lid-Direttur tal-Habs.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------